Kunsill Reġjonali Ċentru

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 51

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

Il-Ħamis 17 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Karl Cutajar – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sa. Yvonne Bartolo –Sindku Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

51.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sa. Joanne Debono Grech u qal li aktar kmieni illum l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nforma li ser ikun qed jattendi l-Viċi Sindku, is-Sur Karl Cutajar.

51.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

51.1.3 Il-President informa li s-Sa. Joanne Debono Grech kienet f'inċident tat-traffiku ftit tal-ġranet qabel u s-Sur Anthony Chircop issuġġerixxa sabiex jintbagħat l-awguri f'isem il-membri tar-Reġjun għal fejqan ta' malajr.

51.1.4 Għal din ir-raġuni l-President talab sabiex nibgħatu bukket fjuri u nwaslu messaġ ta' awguri.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 50 li saret nhar il-Ħamis 27 ta' Ġunju 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

51.2.2 Is-Sur Stefan Cordina xtaq jgħamel referenza għall-minuti fejn kienet ġiet ippreżentata t-talba tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard dwar l-avvenimenti taħt Skema Finanzjarja numru 6/2020, fejn dakinhar kien hemm qbil mill-membri preżenti li għandha tingħata ġimgħa ċans minn dakinhar li nżammet il-laqgħa biex wieħed jara jekk kienux ser jinbidlu r-ristrizzjonijiet ta' l-avvenimenti. Hu spjega kif f'dik il-ġimgħa ta' wara l-laqgħa ma kien għadu ħareġ xejn.

51.2.3 Il-membri preżenti qablu fuq dan il-punt.

51.2.4 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Stefan Cordina, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

## 51.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Skemi Finanzjarji*

51.3.1 Il-President għamel referenza għall-iskemi finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru fis-sena 2020 u spjega kif matul il-ġimgħa s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-istaff kienu qed jaġġornaw l-informazzjoni li ntbagħtet.

51.3.2 Is-Sur Fenech Adami spjega li kien hemm avvanż kbir speċjalment f'ċertu skemi u għal din ir-raġuni, l-President ta' aġġornament tal-ħdax-il skema u spjega liema Kunsilli Lokali kienu għadhom ma ppreżentaw l-ebda talba.

51.3.3 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex terġa tintbagħat emejl għall-aħħar darba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv bl-informazzjoni aġġornata sabiex kull Kunsill Lokali jkun infurmat b'mod uffiċċjali.

51.3.4 Il-President talab sabiex din il-komunikazzjoni tintbagħat lis-Sindku, Vici Sindku, Kunsilliera kollha u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv.

51.3.5 Il-President talab sabiex iresseq it-talbiet li dan ir-Reġjun irċieva mingħand il-Kunsilli Lokali peress li kienu marbutin ma' dan is-suġġett.

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

51.3.6 Fuq l-approvazzjoni tal-membri, il-President ressaq l-ewwel talba mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija sabiex mir-rimborż tal-LESA jinxtraw *doggy bins* għal prezz ta' €1,050.20.

51.3.7 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

51.3.8 Il-President ressaq talba oħra mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija sabiex minn skema finanzjarja numru 6/2020 il-Kunsill ikun jistà jorganizza Jum Ħal Lija f'Lulju 2021.

51.3.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

51.3.10 Il-President, is-Sur Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija sabiex il-fondi taħt Skema finanzjarja numru 8/2020 jiġu maqsuma bejn tliet għaqdiet b'€666.67. Permezz ta' dan il-fondi, il-Museum tal-bniet ser jirrangaw il-kamra tal-banju li qedha f'din il-binja; Soċjetà Banda San Pio X ser jgħamlu xogħol bil-gypsum u l-Għaqda tan-nar San Mikiel ser jirranġaw kamra tan-nar u ssir tinda fejn din il-kamra.

51.3.11 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali San Ġiljan*

50.3.12 Il-President ressaq talba mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex mill-fondi tar-Reġjun isir proġett fi Triq Bonavita sabiex jitkompla l-asfaltar. Hu żied jgħid kif il-parti sostanzjali tal-fondi għal dan il-proġett ngħataw mill-Planning Fund u Infratructure Malta. Mill-fondi tar-Reġjun ser ikunu qed jinħarġu €3,089 għal pavimentar u €12,334 għal *extra laying of concrete*.

51.3.13 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

51.3.14 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex mill-fondi tar-Reġjun isir proġett fi Triq Forrets fejn mill-fondi tar-Reġjun ser jinħarġu €52,980 sabiex isir pavimentar u *extra laying of concrete*.

51.3.15 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

51.3.16 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex mill-fondi tar-Reġjun jsir proġett fi Triq il-Mensija mill-fondi tar-Reġjun fejn l-ammont ta' €9,602 isir xogħol ta' pavimentar u €7,331.00 fuq xogħol ta' konkrit.

51.3.17 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

51.3.18 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mill-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan sabiex mill-fondi tar-Reġjun jsir proġett fi Triq Diodorus Sicilus fejn ser tinħareġ is-somma ta' €1,566 biex issir parti mill-pavimentar.

51.3.19 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali Ħ'Attard*

51.3.20 Il-President ressaq talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi taħt skema finanzjarja numru 1/2020 tkun tistà ssir *sleeping policeman* minn tender eżistenti li għandu l-Kunsill għall-prezz ta' €4,944.68; jinxtraw *bollards* fil-Gardina tal-Katlan għal prezz ta' €2,206.60 minn *tender* eżistenti li dan il-Kunsill għandu ma B. Grima and Sons; jitranġa s-soft area fi Triq il-Ferrovija ma Triq l-Għenba minn tender eżisteni ma' Charles Mifsud għal prezz ta' €1,300.00; u jinxtraw pots għal prezz ta' €2,195.19 wara li kienu ġew imressqa tliet kwotazzjonijiet.

51.3.21 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

51.3.22 Il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi taħt skema finanzjarja numru 10/2020 isir restawr ta' bust li ser jiswa €1,650.00.

51.3.23 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

51.3.24 Il-President ressaq talba mingħand dan il-Kunsill sabiex bil-fondi minn skema finanzjarja numru 6/2020 jkun jistà jinxtara tgħamir għal-Arkivji li ser ikunu pubblici fi' Ġnien l-Istazzjoni. Dawn ser jinkludu wkoll għamara għal *display,* għamara għall-irfieħ ta' dokumenti, xiri ta' laptop u scanner u bnadar għall-istess arkivju.

51.3.25 Il-President qal kif, fl-opinjoni tiegħu, din it-talba mgħandiex tiġi milquha peress li dawn għandhom jintnefqu għal proġetti kulturali u jkun hemm kollaborazzjoni ma' l-għaqdiet fil-lokalità.

51.3.26 Is-Sur Karl Cutajar spjega li dawn huma xorta relatati u li ha jkun parti mill-muzew.

51.3.27 Il-President spjega kif għal dan il-proġett il-Kunsill jistà jressaq it-talba tiegħu taħt skema finanzjarja oħra u mhux minn din l-iskema.

51.3.28 Is-Sur Cutajar spjega li bħala Kunsill Lokali m'għandhux riservi u kif permezz tal-fondi mgħottija mir-Reġjun, dawn il-proġetti jkunu jistgħu jsiru.

51.3.29 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Galea, spjegat kif ftit tal-ġranet qabel il-laqgħa iltaqgħet ma' żewġ impjegajti mill-Kunsill ta' Birkirkara u spjegat skema skema u x'kien għad baqa fondi li għadhom ma ġew utiliżżati.

51.3.30 Kien hemm qbil li l-iskemi kollha jerġgħu jintbagħatu lis-Sur Karl Cutajar sabiex ikun jistà jivverfija l-affarijiet minn naħa tiegħu.

51.3.31 il-President ressaq fuq il-mejda talba oħra mingħand il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex, permezz ta' Skema Finanzjarja numru 10/2020, jsir tisbieħ fil-ġnejna Misraħ San Alwiġi fejn fih inkun hemm *cats café,* jinxtara tagħmir għall-eżerċizzju u tingħata żebgħa

51.3.32 Din it-talba ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

51.3.33 Il-President reġa fakkar sabiex is-Sindki u r-rappreżentanti li kienu preżenti waqt din il-laqgħa jaraw li b'dawn il-fondi ma jinqata l-ebda dejn li jistà jkollu l-Kunsill jew jiġi mħallas kuntratt obligatorju mill-Kunsill.

51.3.34 Is-Sur Cutajar spjega li huma kienu ressqu talba lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun sabiex kont antik jiġi mħallas permezz ta' dawn il-fondi.

51.3.35 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li din it-talba ma setgħatx tiġi milquha minħabba li l-pagament kien inħareġ b'*direct order* u ma kienx hemm talba ufficċjali mingħand id-Dipartiment għal GVern Lokali.

51.3.36 Kien hemm qbil sabiex jiġu mressqa proposti ġodda fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Proġett ta' Enerġija Alternattiva*

51.3.37 Is-Sur Fenech Adami spjega li hu kellu laqgħa ma' kumpanija barranija li jixtiequ jinvestu f'enerġija alternattiva u ser iressqulna xi proposti sabiex isiru mal-Kunsilli Lokali u jaħdem bil-*big operator transfer* – fejn il-proġett ikun kollu minn naħa tagħhom u joperawhom għall-ħmistax-il sena u wara jiġi tal-Kunsill.

51.3.38 Il-President kompla jispjega kif għandu jsir proġett pilota mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan fejn għoddew kemm hemm lampi li jgħatu fuq il-baħar u fejn dawn ser ibidluhom kollha u jiġu jaħdmu b'enerġija solari.

51.3.39 Is-Sur Fenech Adami kompla jispjega kif il-banikiet li jpoġġu fuqhom in-nies għandhom jinbidlu wkoll u jkunu bil-panelli solari u minn fuqhom tkun tistà tiċċarġja *scooters* u mowbajls. Id-daw żejjed li jiġi ġġenerat imur għal fuq il-*grid* u wara ħmistax-il sena jieħu l-benefiċċju l-Kunsill.

51.3.40 Il-President spjega wkoll kif kumbinazzjoni l-Gvern semma proġett ta' bankini bil-pannelli solari fejn hu kien semmieh ħafna żmien ilu sabiex il-bankini tax-xatt isiru b'dan il-mod.

51.3.41 Hu spjega kif sal-laqgħa li jmiss jixtieq li jkollu aġġornament dwar dan.

- *Kontijiet bankarji*

51.3.42 Hekk kif kien miftiehem fil-laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex jibgħatu *bank statement* tal-kont bankarju li għandu miftuħ sabiex iżomm il-fondi mgħotija minn dan ir-Reġjun.

51.3.43 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-maġġoranza tal-Kunsilli Lokali għandhom dan il-kont bankarju ħlief il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera fejn il-kont bankarju li għandu jiġbor fiħ kull fond li jingħata – kemm mir-Reġjun, mid-Dipartiment jew LESA.

51.3.44 Is-Sa. Galea spjegat ukoll li kienet tkelmet ukoll mal-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema, fejn ġiet infurmata li kont bankarju kellhom imma ma baqgħux jużawh peress li l-awditur kienet ġibditilhom l-attenzjoni fuqu.

51.3.45 Kulħadd ħa nota dwar dan.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

51.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, talab lill-membri preżenti sabiex iressqu l-mistoqsijiet tagħhom

51.4.2 Is-Sindku ta' Ħ'Attard spjega li hu ma kellu l-ebda feedback mingħand il-persuna kkonċernata.

51.4.3 Il-President talaba lis-Sur Cordina sabiex iżomm lir-Reġjun aġġornat malli jkun hemm żviluppi ġodda.

## 51.5 Rapporti

51.5.1 Il-President qal li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

## 51.6 Korsijiet provduta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

51.6.1 B'referenza għall-laqgħa preċedenti tar-Regjun, il-President informa lill-membri li din il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju tar-Reġjun nhar l-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2021 fejn ghal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sur Max Zammit, is-Sra. Joanne Debono Grech, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai flimkien mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

51.6.2 Il-President ġibed l-attenzjoni lill-membri preżenti kif hu qatt ma rċieva l-ebda korrispondenza uffiċċjali lir-Reġjun jew lilu bħala President u kull komunikazzjoni li saret mit-TCTC kienet direttament mas-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit.

51.6.3 Is-Sur Zammit spjega kif it-TCTC kien bagħat korrispondenza bil-proposta lir-Reġjun u kien talab ukoll sabiex jattendi waqt laqgħa tal-Kunsill Reġjonali sabiex ikun jistà jgħati spjegazzjoni tal-proposta lill-membri preżenti u kif dawn it-talbiet ma kienux milquha mingħand il-President.

51.6.5 Is-Sur Zammit żied jgħid kif waqt il-laqgħa li nżammet f'Ġunju 2021, il-President kien talbu sabiex jieħu ħsieb jikkomunika mat-TCTC u jkun ċert mill-kuntratt li ser jiġi ppreżentant waqt il-laqgħa ta' llum billi jkun trasparenti fuq kull ħaġa.

51.6.6 Il-President spjega kif waqt il-laqgħa li kienet inżammet f'Ġunju 2021, kien hemm inċertezza jekk il-korsijiet li kienu ġew ppreżentati mit-TCTC kienux ser ikunu onlajn live jew inkellha kienux ser ikunu *pre-recorded* u allura jkun hemm ċans li min jirreġistra għal dawn il-korsijiet ma jibqgħux jattendu.

51.6.7 Wara spjegazzjoni dettaljata dwar il-prosposta mressqa mit-TCTC mis-Sur Max Zammit, inżammet diskussjoni fit-tul dwar dan is-suġġett bejn il-membri preżenti.

51.6.8 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, ġibed l-attenzjoni sabiex jiġi vverfikat jekk l-kors ta' l-ECDL għadux ikun offrut b'xejn mingħand id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni f'diversi ċentri mwadwar Malta.

51.6.9 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tiċċekja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk dan il-Kuntratt b'valur ta' madwar €16,000 jistax jiġi ffirmata mingħajr ma tinħareġ sejħa għall-offerti peress li l-ammont globali ma l-istess kuntrattur ser jaqbeż il-valur ta' €10,000.

51.6.10 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex ir-Reġjun jistenna rispons mill-membri bil-miktub sa nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021. Il-punti mqajma flimkien mal-kuntratt għandhom jintbagħtu għal direzzjoni mingħand id-Dipartiment. Liema direzzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-membri b'mod minnufieħ.

51.6.11 Il-President reġa għamel referenza għan-nuqqas ta' interess li ħafna Kunsilli Lokali mhux qed japplikaw għal fondi maħruġa mill-LESA u mid-Dipartiment kif ukoll mill-iskemi.

51.6.12 Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet sabiex terġa ddur skema skema u tibgħat emejl lil kull Kunsill Lokali b'aġġornament ta' kull Skema.

51.6.13 Il-membri preżenti qablu dwar dan, u l-President talab ukoll sabiex f'kull emejl ikun hemm inkluż is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku u l-Kunsilliera kollha ta' kull Kunsill Lokali.

## 51.7 Uffiċini Ġodda għar-Reġjun Lvant

51.7.1 Il-President informa lill-membri kif ir-Reġjun irid jibda jaħseb għal uffiċini ġodda minħabba li l-lokalità ta' San Ġwann mhux ser tkun parti mir-Reġjun Lvant.

51.7.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif fi Frar 2021 is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun talbet direzzjoni talbet direzzjoni mingħand id-DGL dwar il-proċedura u ġejna nfurmati li dan ir-Reġjun irid jimxi maċ-Ċirkulari numru 13/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fit-2 t'Ottubru 2020 – Procurement of Property Regulations S.L.601.12.

51.7.3 Hu spjega kif, skond din iċ-ċirkulari, l-ewwel pass kien li jkun hemm konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-GHvern li huma responsabli mill-amministrazzjoni tal-propjetà tal-Gvern u għal din ir-raġuni tresqet talba lill-Awtorità ta' l-Artijiet sabiex tinstab binja/propjetà tal-Gvern li tkun tistà tiġi devoluta lir-Reġjun.

51.7.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif ir-Reġjun identifika art li tinstab f'Pembroke madanakollu l-LA qalet li din ser tintuża mill-Gvern imma identifikat sit oħra li tinsab l-Iklin u li fil-preżent hija mmarkata bħala Green Area. Għalkemm hija 'green area', il-LA qed tinsisti li parti minn din is-sit għandha tkun intitolata għall-uffiċċini tar-Reġjun.

51.7.5 Il-President spjega wkoll kif is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet talbat lid-Direttur Ġenerali tad-DGL sabiex naraw jekk kienx hemm xi deċiżjoni dwar it-Tribunali Lokali u għalkemm hu spjega li għad ma kienx hemm deċiżjoni, r-Reġjun huwa mitlub li jkun parti mill-uffiċċju tar-Reġjun.

51.7.6 Is-Sur Fenech Adami qal lill-membri li aġġornament dwar dawn id-diskussjonijiet ser jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

51.7.7 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, irrakomanda bini li hemm fil-promenade tal-Gżira, li kienet dar tax-xjuħ u li issa abbandunata, fejn li l-Kunsill qed jitlob sabiex tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali tal-Gżira sabiex ikun hemm l-uffiċini tal-Kunsill kif ukoll *Civic Centre*.

51.7.8 Il-President talab lis-Sindku sabiex jitlob lill Ministru li ser tgħaddilna d-dettalji biex ir-Reġjun ikun jistà jiddiskutiha ma' l-Awtorità ta' l-Art.

## 51.8 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Kuntratt ma' l-MTA***

51.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar it-Tlieta 8 ta' Ġunju 2021 ġiet ippublikata l-***Preliminary Market Consulation*** fuq EPPs u kif l-avviż ġie ppublikata fuq il-gazzetta tal-gvern kif ukoll fuq it-Times of Malta u l-Malta Independent.

51.8.2 Is-Sur Fenech Adami infurmhom kif is-sottomissjonijiet tal-proposti jgħalqu nhar l-Erbgħa 30 ta' Ġunju 2021, fid-9:30 ta' filgħodu.

- ***Kwotazzjonijiet għal Aircondition***

51.8.3 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għall-air conditioner f'wieħed mill-uffiċini peress li dak li kien hemm mhux qed jaħdem għalkemm provajna nirranġaw il-card pero għandha bżonn tinxtara card ġdida li tiswa madwar €350.

51.8.4 Il-membri preżenti approvaw l-irħas kwotazzjoni li kienet imressqa mingħand BT Commercial għal prezz ta' €560.50.

- ***LESA***

51.8.5 Il-President informa lill-membri Dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand is-Sur Svetlick Flores (LESA) sabiex jinfurmana li f'Ġunju 2021 ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn id-Dipartiment tal-Pulizija u l-LESA dwar is-servizz li jingħata għal Buon Ordni waqt is-seduti tat-tribunal. Minn Ġunju 2021 il-pagamenti għal dan is-servizz ser jibdew jitħalsu direttament mill-LESA.

- ***Aġġornament dwar l-iBins***

51.8.6 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet jekk kienx hemm xi aġġornament dwar dan.

51.8.7 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif wara l-aħħar laqgħa kien hemm qbil sabiex tintbagħat emeil lis-Sur Mario Fava fejn hu kien qalilna li kienet intabaghat korrispondenza mingħandu fejn din qed tiġi diskussa mill-AKL f'isem il-Kunsilli Lokali. Kif ikun hemm rispons dwar dan, l-AKL ser tikkomunika mal-Kunsilli Lokali dwar dar.

51.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv tablet sabiex tintbagħat emejl lis-Sur Mario Fava sabiex inkunu nafu jekk kienx hemm xi aġġornament dwar dan mill-aħħar laqgħa.

51.8.9 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu dwar dan.

- ***Charging Pillars***

51.8.10 Is-Sindku ta’ tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop għamel referenza għal din il-komunikazzjoni u xtaq jara jekk ir-Reġjun għandux pużizzjoni dwar dan b’mod speċjali peress li diġa hemm limitazzjoni ta’ parkeġġi fil-lokalitajiet.

51.8.11 Is-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, spjega li anke huma ma leħqux issottomettew it-talba tagħhom bħala Kunsill Lokali u talab sabiex titressaq talba mir-Reġjun sabiex dawn il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw.

51.8.12 Il-President talab sabiex kulħadd iressaq il-punti tiegħu bil-miktub sabiex is-Segretarju Eżekuttiv tkun tistà tibgħat emejl f’isem il-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

51.8.13 Kien hemm qbil dwar dan mingħand il-membri preżenti.

## 51.9 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

51.9.1 B’referenza għal din il-vakanza, il-President informa lill-membri li l-bord compost minn mill-President flimkien mas-Sindku ta’ tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ser ikunu qed jiltaqgħu fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 29 ta’ Ġunju 2021.

51.9.2 Aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

## 51.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

51.10.1 Is-Sindku ta’ l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, sekondata mis-Sindku ta’ Ta’ Xbiex, is-Sur Max Zammit, resqet mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 46A u 46B.

51.10.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 51.11 Mozzjonijiet

51.11.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x’tiġi diskussa f’din il-laqgħa.

## 51.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:30 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 22 ta’ Lulju, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 22 ta’ Lulju, 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |